

Brussell, 15 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0240 (COD)

9807/1/26
REV 1 ADD 2

COH 94
SOC 294
AGRI 428
AGRIFIN 104
PECHE 208
FIN 759
JAI 674
SAN 356
CODEC 1038
CADREFIN 248
POLGEN 139
IA 142

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

Suġġett: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 ("ir-Regolament PSNR")

- Approċċ ġenerali parzjali
- = *Dikjarazzjoni mill-Ungerija*

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dikjarazzjoni mill-Ungerija li għandha tiġi inkluża fil-minuti tal-Kunsill.

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

għat-test ta' kompromess PSNR

L-Ungerija tqis li t-test ta' kompromess dwar ir-Regolament PSNR ma jirriflettix b'mod adegwat ir-riskju reali u prattiku li l-proċess ta' approvazzjoni tal-Pjanijiet SNR jista' jdewwem b'mod sinifikanti l-bidu tal-implimentazzjoni tal-fondi ppjanati taħt il-kapitoli individwali, u li t-test lanqas ma jipprevedi mekkaniżmi ta' flessibbiltà adegwati fil-livell tal-kapitoli biex jiġu indirizzati dawn ir-riskji.

B'risultat ta' dan, it-test ma jiżgurax biżżejjed it-twettiq tal-objettiv stabbilit fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, jiġifieri l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-finanzjament tal-UE jilħaq lill-benefiċjarji mingħajr interruzzjoni minn Jannar 2028.